



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0160/2010, imressqa minn Andrea Hempen (ta' nazzjonalita' Ġermaniża), dwar ksur allegat tal-libertajiet personali tagħha bir-Regolament (KE) Nru 561/2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq**

**Petizzjoni 0207/2010, imressqa minn Gundolf Riemer (ta' nazzjonalita' Ġermaniża), dwar infurzar eċċessiv tar-regoli tal-ħin ta' sewqan għax-xufiera tat-trakkijiet (Regolament KE 561/2006)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

L-avukat li qed jippreżenta l-petizzjoni fisem ix-xufiera tat-trakkijiet li taħdem għal rasha jargumenta li l-ħtieġa għal "perjodu ta' serħan regolari fil-gimġha" ta' madwar 45 siegħa - li huwa infurzat b'mod riġidu ħafna - jikkostitwixxi limitu mhux aċċettabbli għal-libertà tagħha li teżerċita l-professjoni tagħha u jkollha ħajja ta' familja. Hija qed titlob għal tibdil fir-regoli.

### Sommarju tal-petizzjoni 0207/2010

Il-petizzjonant jipprotesta kontra dak li jidhirlu li huwa infurzar eċċessiv, li joqrob lejn persekuzzjoni tax-xufiera tat-trakkijiet rigward ir-rispett ta' regoli dwar il-ħin massimu għas-sewqan. Billi qabeż il-limitu b'siegħa sabiex jasal id-dar u jkun mal-familja tiegħu, huwa ngħata multa. Min iħaddmu jqis li huwa impossibbli li jkompli jaħdem b'dawn ir-regoli u qed jhedded li jagħlaq in-negozju tiegħu.

### 2. Ammissibilità

#### Petizzjoni 0160/2010

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Ġunju 2010. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont

l-Artikolu 202(6).

### **Petizzjoni 0207/2010**

Iddikjarata ammissibbli fl-10 ta' Ġunju 2010. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 202(6).

### **3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.**

#### *Il-petizzjonijiet*

Iż-żewġ petizzjonanti jesprimu l-iskuntentizza tagħhom lejn l-infurzar riġidu tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 561/2006 dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ tax-xufiera professjonali, partikolarment fir-rigward tal-limiti tal-ħin tas-sewqan u l-obbligi ta' serħan ta' kull ġimgħa. Huma jsostnu li tali infurzar riġidu jikkostitwixxi limitu mhux aċċettabbli tal-libertà intraprenditorjali, li jagħmilha impossibbli li jitkomplew l-operazzjonijiet mill-impriżi tat-trasport u jkollu impatt negattiv fuq il-ħajja tal-familja tax-xufiera.

#### *Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni*

Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 jistipula r-regoli dwar il-ħin tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ għal xufiera professjonali bil-għan li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tiġi żgurata s-sikurezza fit-toroq.

L-Artikolu 6 tar-Regolament jispeċifika li l-ħin ta' sewqan ta' kuljum m'għandux jaqbeż id-9 sigħat, li jistgħu jiġu estiżi għal 10 sigħat massimu darbtejn fil-ġimgħa. Dan jistipula wkoll li l-ħin ta' sewqan massimu kull ġimgħa m'għandux jaqbeż is-56 siegħa, u li l-ħin ta' sewqan totali akkumulat matul kwalunkwe ġimagħtejn konsekuttivi għandu jkun ta' massimu ta' 90 siegħa.

Barra minn hekk, fl-Artikolu 8 huwa speċifikat li xufier għandu jieħu mistrieħ ta' kuljum ta' mill-inqas 11-il siegħa, li jistgħu jitnaqqsu għal minimu ta' 9 sigħat tliet darbiet fil-ġimgħa, u mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa ta' 45 siegħa, li jistgħu jitnaqqsu għal 24 siegħa kull tieni ġimgħa, imma li tnaqqis bħal dan għandu jiġi kkompensat.

Dawn ir-regoli għandhom jiġu infurzati permezz ta' sistema ta' kontrolli stabbilita mid-Direttiva ta' akkumpanjament Nru 2006/22/KE u permezz ta' strument ta' kalkolu installat f'kull vettura - it-takografu.

Mill-informazzjoni disponibbli jidher li l-awtoritajiet tal-infurzar Ġermaniżi qed jagħmlu dak li hu mistenni mil-leġiżlazzjoni u qed jikkontrollaw il-konformità tax-xufiera mar-regoli, bi qbil mas-sistema ta' infurzar deċiża mil-leġiżlatur. Barra minn hekk, huwa l-obbligu tal-impriża tat-trasport, stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament, li torganizza x-xogħol tax-xufiera b'tali mod li huma jkunu jistgħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet legali mingħajr xkiel għall-ħajja tal-familja jew is-saħħa u s-sikurezza tagħhom.

### *Konklużjoni*

Fl-2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli soċjali fit-trasport bit-triq u l-applikazzjoni ta' sistema ta' infurzar riġida, fl-interess tas-sikurezza fuq it-toroq, tal-kundizzjonijiet soċjali adegwati tax-xufiera u tal-kompetizzjoni ġusta. Il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattat, hija obbligata li tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mal-leġislazzjoni fis-seħħ. L-ilmenti tal-petizzjonanti huma diretti kontra d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni u ma jidhrux iġġustifikati fid-dawl tal-oġettivi tal-leġislazzjoni.